MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2011

Appell Civili Numru. 25/2010

**Decizjoni Nru 2007 JB**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol Numru 2485 bejn:-**

**Michael Azzopardi**

**u**

**Engineering for Science and Industry Malta Limtied
dwar tkeccija allegata li hija ngusta.**

**(deciza 11 ta’ Gunju 2010).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fil-11 ta’ Gunju 2010 il-Tribunal Industrijali (It-Tribunal) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

*“Tribunal,*

<u>*Introduzzjoni:*</u>

*Illi r-rikorrenti talab lil dan tiddikajra t-tkeccija tieghu mill-impjieg mas-socjeta` intimata kienet wahda ghal raguni mhux gusta.*

*Da parti taghha, is-socjeta` intimata allegat li r-raguni tat-terminazzjoni tal-impjieg, kient wahda gustifikata u dan ghal ragunijiet inkluz dik ta' "redundancy".*

<u>***Fatti:***</u>

*Illi xehdu r-rikorrent Michael Azzopardi u Jennifer Debono f'isem l-ETC. Da parti taghha, is-socjeta` intimata pproduciet bhala xhieda lil Simon Abela u John Fenech diretturi taghha.*

*Illi ssir referenza ghal verbal datat sitta u ghoxrin (26) ta' Ottubru 2007, fejn il-partijiet qablu l-provi migbura fil-kaz numru 2484 fl-ismijiet 'Abdilla Marvin' u l-istess socjeta` intimata kellhom japplikaw ukoll ghal dan il-kaz. Dan minhabba li l-mertu taz-zewg kazijiet huma identici.*

<u>***Konsiderazzjonijiet:***</u>

*Illi jirrizulta li s-socjeta` intimata nghatat inkarigu biex tistalla servizzi elettrici u elettronici fil-kumpless tal-Isptar Mater Dei. Kien xoghol limitat sia bi spazju u sia b' terminu ta' zmien. Il-kuntratt ma kienx 'in aeternum'. Il-parti tal-istallazzjoni tas-sistema ovvjament kienet cirkostritta kemm bl-ambjent u kemm b'perjodu. Ir-rikorrent kien propjament addett ghall-istallazzjoni u tqeghid tat- 'trunking u wiring'. Meta l-inkarigu taghha gie ezawrit allura s-socjeta` intimata spiccat b'surplus ta' haddiema li mhux talli ma kellhomx bzonnhom izda lanqas xoghol ghalihom ma kellha.*

*Illi l-istess socjeta` intimata minn jeddha ppruvat issib xoghol alternattiv ghal haddiema zejda taghha. Ikkomunikat ma' diversi kumpanija li jahdmu xoghol simili*

*biex tesplora l-possibbilta` ta' ingagg. Kien hemm kazijiet fejn irnexxielha u kazijiet ohra fejn kellha ezitu relattiv.*

*Illi relattivament ghal allegazzjoni li ma giex adoperat il-principju ta' 'last in first out' jigi rilevat li dan ma kienx il-kaz. Di fatti mid-dokumentazzjoni prodotta inkluz dik tal-ETC, gie ampjament pruvat li s-socjeta` intimata segwiet fedelment id-doveri taghha f'dan ir-rigward.*

*Illi jirrizulta li l-kaz odjern kien wiehed ghalkemm sfurtunat, kien wiehed prevedibbli. Is-socjeta` rikorrent kienet adibita biex tespleta dan l-inkarigu. Kellha bzonn in-nies ghal dan l-iskop biss. Il-haddiema messhom kienu jafuh almenu kellhom jingieb a formali konjizzjoni taghhom u dan qabel ma jiehdu l-impjieg maghha. Una volta konkluz ix-xoghol fl-isptar, is-socjeta` intimata ma kellhiex aktar xoghol. Dan jfisser naturalment li ma kellhiex bzonn tan-nies. Hadmet fuq progett wiehed minghajr ma fittxet u/jew investiet f' progetti ohra.*

***Konkluzjoni:***

*Illi t-Tribunal jiddeciedi illi t-terminazzjoni tal-impjieg saret ghal raguni valida fil-ligi.*

*Bhala tassazzjoni ta' drittijiet qed tigi ffissata s-somma ta' tmenin ewro (€80.)*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Michael Azzopardi (I.D 533460 M) datat 23 ta' Gunju 2010 a fol. 1 tal-process fejn talab lill-Qorti tirrevoka s-sentenza moghtija mit-Tribunal Industrijali datata 11 ta' Gunju 2010 fl-ismijiet premessi u ghalhekk tilqa' t-talba tieghu billi tiddikjara li t-tkeccija kienet wahda ingusta u dan sabiex ikun jista' jinghata kumpens xieraq, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata.

Rat li l-inkartament ta' dan il-kaz gie mdahhal fl-atti ta' din il-kawza fil-25 ta' Gunju 2010.

Rat li l-appell gie appuntat ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-15 ta' Settembru 2010.

Rat ir-risposta tal-appell datata 14 ta' Lulju 2010 a fol 7 tal-process fejn s-socjeta' appellata sostniet li ghar-ragunijiet hemm premessi tichad dan l-appell filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata u cioe` dik moghtija mit-Tribunal Industrijali datata 11 ta' Gunju 2010 fl-ismijiet ta' Michael Azzopardi u Engineering for Science & Industry (Malta) Ltd, bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-15 ta' Settembru 2010 quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Philip Sciberras fejn il-kawza giet differita ghad-29 ta' Ottubru 2010.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tas-seduta tal-20 ta' Jannar 2011 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-5 ta' Mejju 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.
Rat l-atti kollha tal-kawza fl-ismijiet **"Marvin Abdilla vs Engineering for Science & Industry Malta Ltd"** (deciza wkoll llum).

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi fl-ewwel lok jinghad li kif irrileva it-Tribunal fis-sentenza tieghu sar verbal quddiemu datat sitta u ghoxrin (26) ta' Ottubru 2007, fejn il-partijiet qablu l-provi migbura fil-kaz numru 2484 fl-ismijiet 'Abdilla Marvin' u l-istess socjeta` intimata kellhom japplikaw ukoll ghal dan il-kaz. Dan minhabba li l-mertu taz-zewg kazijiet huma identici u ovvjament din il-Qorti ser timxi fuq l-istess binarju u fil-fatt qed taghmel riferenza ghall-atti kollha fil-kawza fl-ohra fuq indikata.

Illi fil-fatt dan huwa kaz fejn dan l-appellant kien allega li kien tkecca ingustament ghaliex huwa kien spicca fuq bazi ta’ *redundancy* bbazata fuq nuqqas ta’ xoghol, izda huwa jsostni li dan ma kienx il-kaz, u li persuni li gew impjegati warajh baqghu jahdmu mas-socjeta’ u wkoll gew impjegati persuni ohra bhala *part-time*.

Illi s-socjeta’ appellata sostniet li l-appellant tkecca minhabba *redundancy* u dan ghaliex kien impjegat *assistent electrician* mas-socjeta’ appellata sabiex jaghmel servizzi ta’ ingenerija sakemm jinfetah l-Isptar Mater Dei, u allura meta dan gie fi tmiemu dan il-kuntrratt ma kienx hemm xoghol izjed ghalih u ghall impjegati bhalu, u la darba ma kienx hemm xoghol iehor ghall-istess, intemm l-impjieg tieghu flimkien ma’ dak ta’ ohrajn.

Illi t-Tribunal Industrijali (it-Tribunal) iddecieda li l-kumpanija allegat li kien hemm raguni tajba ta’ terminazzjoni ta’ impjieg inkluz dik ta’ *redundancy,* u peress li l-impjieg tal-appellant mas-socjeta’ appellata kien limitat ghall xoghol ta’ nstallazzjoni ta’ servizzi elettrici u elettronici fl-Isptar Mater Dei, dan kien limitat fi spazju u terminu u allura la darba dan spicca ma kienx hemm xoghol ghall-appellat. Dwar il-principju ta’ *“last in first out”* jirrrizulta li mid-dokumentazzjoni relattiva tal-ETC s-socjeta’ intimata imxiet fedelment mad-doveri taghhom f’dan ir-rigward u allura dan il-principju gie osservat. Ikkonkludiet li l-appellant iddahhal sabiex jahdem biss fuq dan il-progett u allura la darba dan intemm, l-impjieg tieghu kellu jigi terminat.

Illi l-aggravji fl-appell odjern huma li (1) kien hemm nuqqas ta’ smigh xieraq ghaliex it-Tribunal Industrijali skarta ghal kollox l-provi mressqa mill-appellanti konsistenti f’dokumenti ta’ l-ETC u ohrajn li juru li kien hemm lista shiha ta’ persuni, mhux inqas minn 14 b’kollox li gew impjegati wara l-appellanti u li l-spiccaw mill-impjieg wara l-appellanti; (2) gie inkorrettament ritenut fl-istess decizjoni li l-appellant kellu x-xoghol relattat biss mal-kuntratt li s-socjeta’ appellata kellha fl-isptar Mater Dei, meta klawsola 13 tal-kuntratt ta’ impjieg tipprovdi

differenti; (3) il-kuncett ta' *redundancy* gie deciz zbaljatament ghaliex il-principju ta' *"last in first out"* ma giex applikat sew; (4) fis-sentenza jinghad li s-socjeta' appellata kienet allegat li kien hemm r-raguni ghat-terminazzjoni ta' impjieg kienet wahda gustifika u dan ghar-ragunijiet inkluz ta' *redundancy.* In vista ta' din l-affermazzjoni mela allura l-istess Tribunal kellu jindaga x'inhi din r-raguni *oltre* dik ta' *redundancy,* haga li l-istess Tribunal ma ghamilx; (5) Ma kienx hemm *redundancy* vera ghaliex fil-fatt ix-xoghol li kien jaghmel huwa beda jaghmlu haddiehor li beda jahdem warajh u li gew ingaggati impjegati ohrajn wara l-appellant.

Illi s-socjeta' appellata ssostni li t-Tribunal iddecieda korrettament li kien hemm raguni gusta ta' terminazzjoni ta' mpjieg cioe' dik ta' *redundancy* u f'dan is-sens sostniet li (1) dwar l-ewwel aggravju jirrizulta li l-appellant kien assunt biss ghall xoghol ta' l-isptar u la darba spicca dan ix-xoghol ma kienx hemm izjed xoghol ghalih; (2) dwar it-tieni aggravju jinghad li l-appellant kien impjegat bhala *assistent electrician* u x-xoghol kellu jsir fl-Isptar Mater Dei, u l-kuntratti l-ohra kienu differenti minn dak ta' l-Isptar b'dan li l-haddiema li gew ingaggati kellhom ikollhom kwalifiki differenti; (3) dwar it-tielet aggravju is-socjeta' appellata tghid li tterminat l-impjieg skond dan il-principju, fejn il-metodu applikat kien li l-*gangs* li kienu taht *supervisor* fl-Isptar kollu meta spicca x-xoghol taghhom fl-isptar gie terminat l-impjieg taghhom bhala *gang;* (4) l-istess inghad dwar ir-raba' aggravju u ma kien hemm eba raguni ohra ghall tmiem tax-xoghol hlief dak ta' *redundancy;* (5) fl-ahharnett inghad li l-appell huwa frivolu u vessatorju.

Illi jirrizulta li l-appellanti kien impjegat bhala *electrical assistant* mill-14 ta' Marzu 2005 (Dok. "A") u kellu l-ewwel jahdem fl-Isptar Mater Dei u possibilment f'kull sit iehor dipendenti skond il-kuntratti prevalenti f'dak iz-zmien kollox kif indikat fi klawsola 13 tal-kuntratt ta' impjieg tal-appellanti (fol. 8). Jirrizulta li l-impjieg tal-appellanti gie terminat minhabba nuqqas ta' xoghol fit-22 ta' Marzu 2007 skond ic-certifikat relattiv ta' temm tal-impjieg (Dok. "B").

Hekk ssostniet l-istess socjeta' appellata fid-dikjarazzjoni taghha quddiem it-Tribunal.

Illi din il-Qorti thoss li fid-dawl tal-aggravji sollevati mill-appellanti it-Tribunal Industrijali meta ta d-decizjoni tieghu, u specifikatament meta kkonsidra l-kwistjoni ta' *redundancy,* ma kkonsidrax kif kellu jaghmel, il-provi, anke dokumentarji mressqa mill-appellanti odjern u dan ghaliex mill-istess dokumenti jirrizulta palezament li diversi persuni li kienu bdew jahdmu mal-istess socjeta' appellata wara li beda jahdem maghhom l-appellant, gew fil-fatt mizmuma fl-impjieg taghhom mill-istess socjeta' appellata, uhud minnhom billi inghataw deskrizzjoni ohra tal-impjieg taghhom bhal fil-kaz ta' Jeffrey Camilleri u Aaron Farrugia mit-2 ta' Jannar 2007 (Dok. "GMF/MA/1" – Dok. "GMF/MA/2" fil-process l-iehor ta' Marvin Abdilla) li minn *electrical assistants* gew indikati bhala dik ta' *"electrical and PPM (preventive plant maintenance) assistant"* u fil-fatt baqghu jahdmu l-Isptar mhux fuq *"production"* izda *"maintenence".* Ma` dan jizdied jinghad li l-istess socjeta' appellata ghad ghandha kuntratt mal-*Foundation for Medical Studies* (FMS) sabiex taghmel xoghol ta' manutenzjoni fl-Isptar Mater Dei (ara xhieda ta' Simon Abela – 17 ta' Ottubru 2008 (fol. 105 fil-process l-iehor ta' Marvin Abdilla).

Illi fil-fatt jirrizulta li mir-*records* tal-ETC dwar l-istess zewg impjegati Jeffrey Camilleri u Aaron Farrugia id-deskrizzjoni tax-xoghol taghhom mas-socjeta' appellata kienet u baqghet bhala dik ta' *"electrician assistant"* bhal dik tal-appellanti u dan kif jirrizulta mid-Dok. "JD 2" u Dok. "JD 3" – fol. 112 u fol. 113 tal-process l-iehor ta' Marvin Abdilla ( ara li fid-Dok. "GMF/MA/1" u "GMF/MA/1" – dawn gew deskritti bhala *"electrical assistents"* mis-socjeta' appellata stess). Jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' John Fenech li waqt li kien qed issir ix-xoghol ta' tqeghid l-Isptar Mater Dei l-istess socjeta' kienet gja bdiet taghmel xoghol ta' *maintenance* fl-istess Sptar, anke qabel ma gie ffirmat il-kuntratt ta' *maintenance* mal-FMS, b'dan li persuni li kienu mpjegati bhala *"electrical assistants"* gew inkarigati jaghmlu xoghol ta' manutenzjoni wkoll kif jirrizulta mid-dokumenti appena msemmija.

Illi fil-fatt jinghad li kif allegat mill-appellanti barra minn dawn iz-zewg persuni kien hemm numru sew ta' impjegati (inkluz it-tnejn fuq indikati) li ma kellhomx l-impjieg taghhom terminat qabel jew ma' dak tal-appellanti, izda zmien wara, jew anke fil-kaz ta' haddiema minnhom, inkluz it-tnejn imsemmija f'din il-kawza, ghadhom impjegati mal-istess socjeta' appellata u dan kif jirrizulta mid-Dok. "JD1" u kif indikat fit-tielet paragrafu ta' l-aggravju numru 1 imsemmi fir-rikors tal-appell. Minn dan kollu ma hemm l-ebda riferenza fis-sentenza tal-istess Tribunal u allura certament jirrizulta li l-istess Tribunal injora jew ma hax konsiderazzjoni ta' l-istess sabiex wasal ghad-decizjoni tieghu ghaliex tenut kont ta' dan kollu ma jistax jinghad, kif qal *invece* it-Tribunal li *"mid dokumentazzjoni prodotta inkluza dik tal-ETC, gie ampjament ippruvat li s-socjeta' intimata segwiet fedelment id-doveri taghha f'dan ir-rigward".*

Illi din il-Qorti thoss li dan huwa kaz fejn sfortunatament it-Tribunal ma ezaminax sew il-provi prodotti quddiemu, fosthom dawk dokumentarji, nkluzi dawk indikati fir-rikors tal-appell u f'din is-sentenza, dokumenti li juru bic-car li l-principju li jsegwi l-kuncett ta' *redundancy* f'dan il-kaz ma giex segwiet ghaliex persuni li kienu dahlu jahdmu wara l-appellanti fl-istess tip ta' xoghol baqaw jahdmu mas-socjeta' appellata wara t-terminazzjoni ta' impjieg ta' l-appellanti u dan irrizulta b'mod mill-iktar palez, izda minkejja dan it-Tribunal wasal ghad-decizjoni tieghu, minghajr ma rrefera specifikatament ghal xi dokument esebit quddiemu u li fil-fatt jindikaw car li l-fatti kienu differenti u li l-principju *ta' "last in first out"* ma giex segwiet u dan fil-kaz ta' numru ta' impjegati, nkluzi dawk identifikati mill-appellanti fix-xhieda u osservazzjonijiet taghhom quddiem it-Tribunal. Dan il-principju fil-kaz ta' *redundancy* huwa llum rikonoxxut fil-ligi kif jirrizulta mill-**artikolu 36 (4) tal-Kap. 452.**

Illi f'dan il-kuntest jinghad li huwa veru li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba l-apprezzament ta' provi li jkun ghamel it-Tribunal, izda dan japplika biss fil-kaz li din il-Qorti tara li t-Tribunal ikun ha konjizzjoni tal-fatti kollha

quddiemu u tas-sottiomissjonijiet kollha taz-zewg partijiet u jkun ezamina l-istess b’mod li kkonsidra l-istess u immotiva sew id-decizjoni tieghu fuq dak kollu propost quddiemu, inkwantu relevanti ghall kaz, u b’hekk ikun il-kaz li t-Tribunal ikun legalment jista’ jasal ghall konkluzzjoni li fil-fatt wasal ghaliha fid-decizjoni minnu moghtija ghaliex tkun hekk sorretta mill-provi.

Illi f’dan il-kaz ma jidhirx li sar hekk, ghaliex il-provi prodotti, mhux l-inqas il-provi dokumentarji, juru li fil-fatt kien hemm xoghol ghall-istess appellanti proprju fit-terminazzjoni tieghu ta’ l-impjieg minhabba allegata *redundancy*, tant li haddiema li kellhom l-istess diskrezzjoni ta’ xoghol bhalu, u li kienu jahdmu bhalu fuq l-istess xoghol, gew mizmuma jahdmu mal-istess socjeta’ appellata anke sallum, u dan billi ftit qabel ma tkecca l-appellant ziedu d-deskrizzjoni tan-natura tax-xoghol taghhom sabiex tinkludi dik ta’ manutenzjoni wkoll, haga li setghet issir fil-kaz tal-appellanti wkoll, tant li ma jirrizultax li b’xi mod is-socjeta’ appellata ndikat, u wisq inqas ippruvat, li dan ma setghax issir fil-konfront tal-appellanti odjern ukoll u dan fuq kollox meta l-appellant kien impjegat qabel l-ohrajn mas-socjeta’ appellata.

Illi fil-fatt jinghad li fil-limiti tal-**artikolu 82 (3) tal-Kap 452** dan huwa sindakabbli minn din il-Qorti **(“Andrew Barbara vs P.E. Trading Ltd”** – A.I.C.(PS) – 5 ta’ Marzu 2010) u l-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tat-Tribunal dwar gudizzju ta’ fatt purche’ dan ikun *“sorrett minn motivazzjoni adegwata u fir-rispett tal-principju maghrufa fil-ligi”* haga li ma saritx f’dan il-kaz anke ghaliex mill-provi prodotti ma jirrizultax li dan kien kaz ta’ redundancy kif definit fis-sentenzi **“John Muscat et vs Gordon Monro nomine”** (P.A. – 20 ta’ April 1977); fl-Arbitragg bejn **“Hotels, Restaurants, Tobacco and Allied Trades Section of the General Workers Union vs Messrs. A. Buttigieg Ltd (Luqa Airport Buffett”** – Award No. 55 – 18 ta’ Novembru 1970); u **“Victoria Spiteri vs St. Catherine’s High School”** – A.I.C. (PS) – 18 ta’ Ottubru 2006).

Illi jinghad ukoll li kif gie ritenut fis-sentenza **"Marina Galea Xeureb vs Korporazzjoni Enemalta"** (A.I.C. (PS) – *"il-kuncett ta' smigh xieraq mhux wiehed limitat ghal mera opportunita' tat-tressiq ta' provi u tas-sottomissjonijiet imma wkoll li d-decizjoni tkun bazata fuq ezami logiku tal-provi, b'motivazzjoni sobrija u b'konkluzzjoni li tirrizulta logika ma' l-istess motivazzjoni"* (ara **"Salvatore Caruana vs Carmelo Magro"** – A.C. – 14 ta' Novembru 1996); **"Rose Loftus et vs Ray Mallia (Blye Engeneering Co. Ltd"** – A.I.C. (PS) – 9 ta' Lulju 1999); **"Vincent Abdilla et vs Angelika Bonnici"** (A.I.C. (RCP) - 27 ta' Jannar 2011).

Illi jinghad ukoll li t-tieni aggravju huwa wkoll ben fondat ghaliex ma hijiex korretta l-asserzjoni li ghamel it-Tribunal li l-impjieg tal-appellanti mas-socjeta' appellata kien ristrett ghax-xoghol u l-kuntratt ta' l-Isptar Mater Dei, anke jekk illum jirrizulta li fil-fatt l-istess socjeta' appellata jidher li ghad ghandha kuntratt ta' xoghol iehor fl-Isptar Mater Dei. Infatti klawsola 13 tal-kuntratt ta' xoghol ta' l-appellanti tipprovdi testwalment li *"place of work: Initially this will be Mater Dei Hospital tal-Qroqq, Malta but may be any other site depending on prevailing contracts".* Dan allura ma jistax iwassal ghall konkluzzjoni li donnu wasal ghaliha t-Tribunal li x-xoghol tal-appellanti mas-socjeta' appellata kien wiehed limitat u esklussivament max-xoghol ta' stallazzjoni ta' servizzi elettrici u elettronici fl-Isptar Mater Dei, izda biss li inizjalment ix-xoghol tieghu kellu jkun l-Isptar, pero' l-istess kuntratt jipprospetta li l-appellanti jahdem ukoll fuq lantijiet ohra u kuntratti ohra, kif jidher li s-socjeta' appellata kellha, tant li baghtet diversi haddiema fuq lantijiet ohra, nkluz lill-appellanti innifsu. F'dan ukoll allura l-istess decizjoni hija zbaljata.

Illi dwar it-tielet aggravju gja inghad li l-principju ta' *"first in last out"* ma giex osservat f'dan il-kaz u allura dan l-aggravju wkoll qed jigi milqugh ukoll.

Illi dwar ir-raba aggravju jidher li sfortunatament meta t-Tribunal sostna li *"r-raguni tat-terminazzjoni ta' impjieg kienet wahda gustifikata u dan ghar-ragunijiet inkluz dik ta' redundancy"* jidher li tali frazi ma hijiex idonea u lanqas

korretta, peress li l-unika bazi li fuqha giet missielta din il-pendenza kienet dik ta' *redundancy* tant li l-istess Chairman tat-Tribunal fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2008 fil-process l-iehor ta' Marvin Abdilla) sostna hekk:-

*"Avukat, qed tiddefendu ruhkom fuq redundancy intkhom allura tridu tillimitaw il-provi fuq ir-redundancy. Fuq oggett li mhux involut jew indikat fuq termination ma ghandniex ghalfejn nidhlu"* (fol. 73).

Illi mela allura l-kelma inkluz hija ghal kollox superfluwa u zejda fil-kuntest ta' din il-pendenza.

Illi dwar il-hames aggravju jirrizulta li dak li jista' jinghad huwa li effettivament is-socjeta' intimata uzat fil-konfront tal-appellant l-pretest ta' *redundancy,* ghaliex fil-verita' kif kellha xoghol ghall persuni ingaggati bhalu li izda dahhlu jahdmu warajh, kellha allura fejn izomm fl-impjieg tieghu qabel kollox lill-istess appellanti b'dan ghalhekk li f'dan il-kaz ma jistax jinghad li x-xoghol bhal dak li kien jipprovdi l-appellant ma kienx hemm izjed bzonnu. Fil-fatt jinghad li l-allegazzjoni li vera kien hemm r*edundancy* u li f'dan il-kaz gie osservat il-principju li jirregola l-istess u cjoe' li tali nuqqas ta' xoghol jigi pruvat u li t-terminazzjoni ta' impjieg ta' *"first in last out"* gie osservat, kien oneru tas-socjeta' appellata li tipprova, izda dan ma giex ippruvat minnha, anzi l-appellanti irnexxielu jipprova li intuza l-pretest ta' *redundancy* sabiex jigi terminat l-impjieg tieghu u ghalhekk it-terminazzjoni ta' impjieg tieghu kienet ingusta u mhux skond il-ligi u ghalhekk l-appell qed jigi milqugh u d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali datata 11 ta' Gunju 2010 fl-ismijiet premessi qed tigi revokata ghar-ragunijiet hawn moghtija f'din is-sentenza b'dan li din il-Qorti qed tilqa' l-aggravji kollha tal-appellanti.

Illi ghall dak li huwa kumpens dovut lill-appellanti ghall dik li hija tkeccija ingusta tenut kont li l-istess appellanti ghadu bla xoghol u ilu hekk bla xoghol mid-data tat-22 ta' Marzu 2007, u ghalhekk tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u in vista ta' dak li sehh fil-kawza **"Louis Camilleri vs Arrow Express Limited"** (A.I.C. (PS) – 13 ta' Frar 2009) din il-Qorti qed tibghat lura l-atti lit-Tribunal biex dan

jiddetermina l-kwantum tal-kumpens dovut lill-appellanti skond it-termini tal-**artikolu 81 (2) tal-Kap. 452** u skond l-iskorta tas-sentenzi **"Joseph Paris vs The Cargo Handling Company Limited et"** (A.I.C. (PS) – 23 ta' April 2010); **"Peter Spiteri vs Xeureb Glass Co. Ltd"** (A.I.C. (PS) – 10 ta' Ottubru 2005); **"Ivan Zammit vs S. Borg & Sons Ltd"** (A.I.C. (PS) – 19 ta' Ottubru 2005; u **"Godwin Vassallo vs Vittoriosa Gaming Ltd"** (A.I.C. (P.S) – 28 ta' Marzu 2008).

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tas-socjeta' appellata datata 14 ta' Lulju 2010, u **tilqa' l-appell interpost mill-appellanti Michael Azzopardi fir-rikors tal-appell tieghu datat 23 ta' Gunju 2010** in kwantu l-istess huwa konsistenti ma' dak hawn deciz, b'dan illi tirrevoka u thassar id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali datata 11 ta' Gunju 2010 fl-ismijiet **"Michael Azzopardi vs Engineering for Science and Industry Malta Limited"** u minflok tiddeciedi u tiddikjara li t-tkeccija tal-appellanti kienet wahda ingusta u mhux skond il-ligi u tirrinvija l-atti lura lit-Tribunal Industrijali biex dan jiffissa l-kwantum tal-kumpens dovut lill-appellanti ghat-tkeccija tieghu mill-impjieg minghajr gusta kawza.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' appellata Engineering for Science and Industry Malta Limited.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------